MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 1725/2010

**Profs. Josef Grech (K.I. 267081M)**
**Vs**
**Joseph Aquilina (K.I. 983516M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessi fejn l-attur ippremetta illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ elfejn u mitt ewro (€2,100) liema somma hija dovuta mill-konvenut u li tirraprezenta bilanc li ghandu jithallas minn somma aktar ta’ elfejn u erba’ mitt ewro (€2,400) mitlub mill-attur lill-konvenut skont skrittura privata datata 21 ta’ Gunju 2010 li saret fil-prezenza ta’ Dottor Omar Caruana LL.D. (Annessa bhala Dok ‘A’); illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi biex ihallas is-somma dovuta anki permezz t’ ittra ufficjali bin-numru 3302/10 datata 8 t’Ottubru 2010 izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ippremetta illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda u dan stante illi l-ftehim anness ma’ l-avviz tat-talba u mmarkat Dok. A u li fuqu l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu ghandu causa illegali u dan stante illi l-ftehim in kwestjoni jirrelata dwar loghob tal-azzard illi kien u huwa illegali, kif ser jigi spjegat u pruvat ahjar fil-kors tal-kawza;  illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda u dan stante illi l-ftehim illi ghalih ssir referenza fl-avviz tat-talba huwa simulat u ghaldaqstant, il-ftehim *de quo* huwa annullabbli, u dank if ser jigi spjegat u pruvat ahjar fil-kors tal-kawza;  illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim anness mal-avviz u mmrkt Dok. A ma kienx gie iffirmat fil-prezenza tal-Avukat Omar Caruana LL.D. u dan  kif ser jigi kkonfermat bil-gurament mill-konvenut waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant, anke ghal din ir-raguni biss, dan il-ftehim illi huwa kontjenenti din id-dikjarazzjoni falza, ghandu jigi sfilzat minn dan l-Onorabbli Tribunal;  illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda u dan stante illi mhuwiex minnu illi l-konvenut ghandu jaghti l-ammont pretiz, jew tabilhaqq kwalunkwe ammont iehor, lill-attur stante illi qatt ma kien hemm self min-naha tal-attur lill-konvenut;  bl-ispejjez kontra l-attur illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-kontrotalba fejn gie premess illi l-konvenut rikonvenzjonanti gie mhajjar jilghab loghob ta’ l-azzard minghajr ebda hlas;  premess illi minkejja illi ma gie misluf l-ebda flus u minkejja illi ma nghata l-ebda flus, il-konvenut rikonvenzjonanti kellu jiffirma l-ftehim anness mall-avviz tat-talba mmarkat Dok A;  premess illi l-ftehim anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A ma jirrispekkjax il-verita’ u huwa biss ftehim kamuffat bhala ftehim ta’ self ta’ flus meta fil-fatt huwa jirrigwarda loghob tal-azzard illegali;  premess illi l-ftehim *de quo* ghandu allura causa illegali u huwa wkoll simulat;  premess inoltre illi ma huwiex minnu illi l-ftehim kien gie iffirmat fil-prezenza tal-Avukat Dottor Omar Caruana u tali dikjarazzjoni fil-ftehim hija falza;  jghid ghalhekk il-konvenut rikonvenzjonat ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m’ghandux:  1.  jiddikjara null il-ftehim anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A stante illi ghandu causa illecita u stante l-fatt illi huwa ftehim simulat u; 2.  jirrexxindi l-

istess ftehim anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A; bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat illi minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Aquilina u tat-Tabib Dottor Joseph Spiteri prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra il-verbal tas-seduta ta’ nhar id- 29 t’Ottubru, 2012 li bih thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra.**
L-attur u l-konsulent legali tieghu qatt ma dehru ghas-seduti quddiem it-Tribunal. Illi sahansitra l-attur kellu jigi notifikat bil-kontro-talba pemezz ta’ notifika skont il-procedura li titlob il-ligi fl-Artikolu 183 tal-kodici tal-Procedura Civili ossia notifikazzjoni b’affissjoni u publikazzjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Aquilina fejn il-konvenut rikonvenzjonat iddikjara li hu kellu l-vizzju tax-xorb u kien immur il-kazin tal-Banda f’Rahal Gdid. L-attur kien ikun hemm ukoll. Fil-gurnata meta gara l-allegat self il-konvenut iddikjara illi kien xorob u l-attur kien ikkonvicieh biex jilghab fuq is-*slot machines* u peress illi ma kellux flus biex jilghab qalu li kien jisilfu hu stess. Dawn is-*slot machines* ma kienux iwaqqghu l-flus, jekk wiehed jirbah kien isarraf mal-*bar*. L-attur dakinhar fetah is-*slot machine* minn wara u ta’ lill-konvenut hamsin ewro (€50). Ghalhekk il-konvenut beda jilghab u s-*slot machine* jimmarka l-loghob. Skont il-konvenut kull darba li kellu bzonn aktar flus l-attur kien jiftah is-*slot machine* minn wara u johrog l-istess nota tal-bank ta’ hamsin ewro (€50). Dan baqa’ sejjer sakemm wasal biex nefaq is-somma mertu tat-talba elfejn u erba’ mitt ewro (€2,400). Nel frattemp il-konvenut kien qed jixrob *double whiskies.* Illi dakinhar l-attur wara li spicca jilghab kien talbu l-karta tal-identita’ tieghu u talbu biex jiffirma xi haga, pero’ dan x’kien, il-konvenut, ma kienx jaf. Iddikjara ukoll illi l-

avukat Omar Caruana ma kienx prezenti. Il-konvenut iddikjara illi bejn id-dwejjaq tal-loghob ghaliex ma kienx rebah u bejn id-dwejjaq tax-xorb kien mar id-dar u talab li jigi rikoverat l-isptar Mount Carmel. Dan gie ikkonfermat mit-Tabib Dottor Joseph Spiteri li ikkonferma illi dan il-biendem kellu il-vizzju tax-xorb u tal-loghob u li kien bniedem vulnerabbli hafna.

Illi il-verzjoni tal-konvenut ma gietx ikkontestata u ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghandu joqoghd fuq il-verzjoni tal-konvenut.

Illi giet pprezentata skrittura privata flimkien mal-avviz promotorju (ara fol. 2 tal-process) li huwa l-bazi ta’ din it-talba. Illi mal-firma tal-partijiet hemm ukoll firma ta’ terz li gie indikat fil-ftehim li huwa tal-avukat Dottor Omar Caruana. Illi jirrizulta mill-provi illi l-avukat li sserva bhala xhud ma kienx prezenti u lanqas resaq biex jaghti gurament li kien prezenti u biex anke forsi jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti w il-kondizzjoni mentali tal-konvenut.

Illi jidher illi din l-iskrittura hija *standard* fejn wiehed ghandu biss jimla’ d-dettalji specifici u ghalhekk jgieghel lil dan it-Tribunal jissuspetta aktar fl-intenzjoni tal-attur. Illi nfatti t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-sitwazzjoni ma kinitx wahda genwina u li l-attur abbuza minn bniedem li kellu l-vizju tax-xorb, bniedem vulnerabbli, biex idahhlu f’nassa. Ghalhekk isegwi li l-kunsens ma kienx wiehed voluntarju u ghalhekk l-iskrittura privata pprezentata mill-attur ghanda titqies bhala simulata.

Illi apparti dan is-self (jekk dan jista’ jitqies bhala self) kien ibazzat fuq kawza illecita ossia l-loghob tal-azzard u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet ghandu jitqies bhala null.

Illi anke apparti dan kollu mill-provi jirrizulta li self ma sarx u dan ghaliex il-flus, l-attur, harighom mill-magna stess. Ghalhekk semmai wiehed kellu jipprezenta evidenza ta’ min kien sid il-magna. Gie ddikjarat ukoll li l-istess karta ta’ flus ntuzat il-hin kollu waqt il-loghob u ghalhekk is-somma mitluba hija wahda simulata. Illi pero’ dan huwa

biss akkademiku ghaliex il-loghob tal-azzard huwa illegali u ghalhekk ma jistax jintalab flus ghall-kawza illecita.

Ghalhekk fic-cirkostanzi u ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad t-talba tal-attur jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll il-kontro talba.

L-ispejjez kollha tal-kawza huma a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------